MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-21 ta' April, 2015

Talba Numru. 26/2015

**Marianne Eugenie Fabienne Jauras (passaport Franciz nru04EH31636) rapprezentata mill-Avukat Dr. Sarah Rutter Giappone ID 70486M bhala mandatarju taghha.**

**vs**

**AX Holdings Limited C3595**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ l-Attrici qed titlob li s-Socjet' Konvenuta troddilha tmien mija, tletin Ewro hamsa u disghin centezmi (€830.95c) rapprezentanti d-differenza bejn l-ammont li kienet imgieghlha thallas u l-ammont li s-Socjeta' Konvenuta kienet intrabtet li tapplika fil-kaz tal-Attrici skond *voucher* promozzjonali mixtri mill-Attrici. dana dwar akkomodazzjoni fil-Victoria Hotel bejn l-20 ta' April 2012 u s-27 tal-istess xahar.

Ghal dan tressqet RISPOSTA hekk:-

1. Is-Socjeta' Konvenuta qatt ma kellha relazzjoni mal-Attrici.
2. Preskrizzjoni *per* art 1027 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. It-Talba tal-Attrici hi nfondata ghax m'ghandha ebda dritt tirkupra ebda ammont m'ghand is-Socjeta' Konvenuti.
4. L-Attici ghandha tbati l-ispejjes ta' din il-procedura.

II PROVI

1. Dr. Sarah Rutter Giappone esibiet *coupon* rigwardanti l-kawza (Dok A *a fol*13); ricevuta dwar l-istess (Dok B *a fol*14) u email (Dok C *a fol*15) minghand il-Victoria Hotel li hi mmexxija mis-Socjeta' Konvenuta.

2. Hawn issir riferenza ghall-kontenut tad-dokumenti esibiti li l-kontenut taghhom ma jehtieg ebda spjegazzjoni.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Dwar il-preskrizjzoni ta' sentejn li, logikament qed titqies l-ewwel u li titnissel mill-art 1027 tal-Kap 16, formalment imqajjma mis-Socjeta' Konvenuta jinghad dan:

(1) L-Avviz iddahhal il-Qorti fit-12 ta' Jannar 2015 u wasal ghand is-Socjeta' Konvenuta fid-19/01/2015 (ara riferta *a fol* 5)

(2) Jidher li l-Attrici ghamlet ic-*checkout* taghha fis-27/04/2012 (Dok B)

(3) Wara, l-uniku kuntatt li rrizulta u li hu f'idejn it-TRIBUNAL huwa l-email dok C datat 09/07/2012. F'din insibu kontestazzjoni tal-pretensjoni attrici b'ebda ammissjoni la direttament u anqas indirettament. Il-fatt li s-Socjeta' Konvenuta offriet "as a gesture of goodwill" li testendi l-*voucher* sal-31/12/2012 "at no additional charge" ma jimplika ebda ammissjoni.

2. Hu floku li jigi ndikat li l-Attrici ma ressqitx prova ta' nterruzzjoni bhalma anqas xehtet dubbju dwar l-applikabilita' jew le ta' l-artiklu sollevat mis-Socjeta' Konvenuta.

DECIZJONI

Wara li qies kollox it-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (a) **jilqa** l-eccezzjoni preliminari ta' preskrizzjoni sollevata mis-Socjeta' Attric u wara li (b) **jastjeni** milli jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra (c) **jichad** it-Talba Attrici u fic-cirkostanzi (d) **jiddeciedi** u **jordna** li l-kawza tibqa bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------